MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Numru 309/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Michael Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael Aquilina ta’ 21 sena, iben Philip u Carmen nee` Muscat, imwieled Pieta` nhar id-19 ta’ Gunju 1984 u li joqghod Blokk J Flat 6, Bini tal-Gvern Tirq il-Laqxija, Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita` 310284(M) fil-30 ta’ Marzu 2006 ghall-habta tat-8.15pm f’dawn il-gzejjer u cioe` fi Triq il-Laqxija f’Birkirkara gie akkuzat talli:

1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Philip Aquilina hekk kif iccertifika Dr Farrugia M.D. Reg. 2650 ta' l-Isptar San Luqa liema ferita tista' tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew tista' iggib difett f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew tista' ggib mankament jew sfregju fil-wicc u dan ai termini tal-artikolu 216 tal-Kap 9.
2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Philip Aquilina sabiex jingurjah, idejqu, jew jaghmel hsara fuq il-persuna tieghu, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika ukoll art. 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' Philip Aquilina detentur tal-karta ta' l-identita 453963(M).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali ppresentat bhala dokument CSH u nnutat li l-imputat, wara li nghata zmien biex iwiegeb, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti, u konsegwentement il-proceduri jinstemghu bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li kif diga` xehed aktar kmieni fis-Seduta tal-lum l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ddikjara illi fid-data tat-30 ta’ Marzu, 2006 il-parte civile Philip Aquilina kien fi stat ta’ sokor.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Michael Aquilina, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum mill-Ufficjal Prosekutur u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Michael Aquilina taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Michael Aquilina b’obbligazzjoni personali ta’ Lm50 li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Philip Aquilina u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Michael Aquilina l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------